-

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 16

[Nhar it-Tlieta 11 ta' Awissu 2020]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' bil-boardroom tal-Kunsill Lokali fil-5pm. Is-Segretarju Ezekuttiv u l-kunsillier A.Zammit kienu prezenti b'mod virtwali minħabba ċ-ċirkostanzi kurrenti.

PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion– Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Ian Buhagiar – Kunsillier
Alexander Zammit– Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Jeremy Cardona – Kunsillier
Hugh Caruana – Kunsillier
Jessica Borg – Kunsilliera
Shaun Farrugia – Kunsillier

ASSENTI

N/A

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## 16.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

15.1.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kunsilliera J.Cardona, H.Caruana, J.Borg u S.Farrugia bagħtu emajl biex jgħidu li mhux se jattendu għal-laqgħa ftit ħin qabel il-laqgħa ma kella tibda.

## 16.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

16.2.1 B'referenza għall-punt 15.2.5 il-Viċi Sindku qal illi se jieħu parir dwar it-tip u daqs tal-pitch illi għanda ssir fil-ġnien.

16.2.2 B'referenza għall-punt 15.3.1 is-Sindku qal illi l-appell ġiet ipprezentata.

16.2.3 B'referenza għal punt 15.4.8 il-Viċi Sindku qal illi l-kunsillier A.Zammit ma kienx raħ kif hemm miktub fil-Minuti. Il-kunsillier A.Zammit qal illi kien qed jagħmel xirja fl-inħawi meta sid il-pompa raħ barra u ma jkellmu. Qal illi m'għamel l-ebda att kriminali b'hekk.

16.2.4 Il-Viċi Sindku ppropona li l-Minuti jiġu approvati. Il-kunsillier I.Buhagiar ssekondaħ.

## 16.3 Korrespondenza mas-Sindku

16.3.1 Tower Crane: Kien hemm talba għal Tower Crane fejn il-Moos Kebab. Ġie pprezentat id-DNO, u l-pjanti fejn il-bazi għanda tkun fejn il-pjattaforma tal-imwejjed u siġġijiet tal-ħanut ta' ħdejh. Wara diskussjoni kien hemm qbil illi tingħata l-permess bil-kundizzjoni li titħalla passaġġ għan-nies fuq il-bankina kif stipulat bil-liġi.

16.3.2 Telework: Is-Sindku ppropona li l-istaff jibdew jaħdmu bis-shifts fejn persuna tkun l-uffiċju u l-oħra taħdem bit-telework mid-dar. Dan biex jevitaw li jkunu viċin xulxin minħabba ċ-ċirkostanzi kurrenti. Ippropona li ssir trial ta' ġimgħa. Il-Kunsill qabel.

16.3.3 LovinMalta: Dwar l-artikolu li ħarġet fuq LovinMalta dwar kazijiet pozittivi fil-bini amministrattivi tal-Kunsill, li kienu bla bazi, fejn ukoll kien hemm estratt tal-emajls privati li intbagħtu dakinhar tal-laqgħa, is-Sindku qal illi dawn l-artikoli qegħdin jagħmlu ħsara biss u mingħajr m'hemm raġunijiet għalfejn. Qal illi dawn l-affarijiet għandom jieqfu u rridu nieħdu azzjoni kontrihom jekk l-iskop hi biex twaqqa l-Kunsill.

16.3.4 Id-D.S.E qal illi mill-ewwel ta' Settembru l-GreenPak mhux se jaċċettaw illi tinġabar il-ħġieġ imħallat ma' materjali oħra. Qal illi ħarġet direttiva biex issa tinġabar biss ħġieġ li jkun ġoll-kontenituri tal-ħġieġ ta' Sort it Out, jew oħrajn li huma reusable u simili. Waqt diskussjoni l-kunsilliera esprimew il-problemi li se tinħoloq issa li l-iskart se tibqa barra, jew in-nies mhumiex se jkomplu jissepparaw il-waste.

## 16.4 Mistoqsijiet tal-kunsilliera

16.4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsijiet.

## 16.5 Rapporti

16.5.1 Is-Sindku ppreżenta r-rapport li rċieva mill-Contracts Manager fuq ix-xogħolijiet li saru. Il-kunsillier prezenti qablu li hemm titjieb fis-servizzi tal-kuntratturi li saru rapporti fuqhom. Il-kunsillier N.Chetcuti qal illi qed ikun hemm feedback tajjeb fuq is-servizz tal-knis u fuq il-ġbir tal-iskart.

16.5.2 Ir-rapporti ġew approvati.

## 16.6 Clerks: Intervisti

Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv qal illi saru intervisti mall-kandidati kollha fejn wara, il-membri tal-bord taw il-marki tagħhom. Kien hemm qbil unanimu fuq l-aqwa kandidata. Il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tal-bord biex din il-persuna tibda taħdem fi Skala 15.

## 16.7 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

16.7.1 Il-Viċi Sindku qal illi l-hotel Kennedy Nova jixtiequ jagħmlu mwejjed u siġġijiet bħal ħaddieħor izda għal xi raġuni l-Kunsill kien appella u m'għandomx dritt għalihom sakemm il-Kunsill ineħħi l-appell. Id-D.S.E qal illi l-Kunsill kien jappella fuq dawn l-applikazzjonijiet fil-bidu u f'dan il-kaz konna rbaħna. Qal illi hija l-policy li mhix taħdem, fejn wieħed jieħu l-permess izda mhux ħaddieħor. Fakkar li l-appell intrebħet sentejn ilu u ġiet diskussa fil-laqgħa li jmiss. Is Sindku qal illi fil-verita ma tagħmilx sens li ma ħaduhiex fejn ħaddieħor ħadha, izda mxejna l-istess ma ħaddieħor fil-bidu nett, qabel ma bdew joħorġu minn kullimkien dawn it-tip ta' applikazzjonijiet.

16.7.2 Il-kunsillier N.Chatcuti staqsa dwar il-cards tal-kunsilliera. Is-Sindku qal illi huma lesti.

16.7.3 Il-kunsillier N.Chetcuti qal illi jixtieq jirċievi follow-ups fuq affarijiet li jiġu diskussi.

16.7.4 Il-kunsillier N.Chetcuti ppropona li nixtru powerwash zgħir bħala Kunsill

16.7.5 Il-kunsillier N.Chetcuti ppropona li ssir laqgħa mall-Ministru tal-Intern dwar il-problema tal-infurzar

16.7.6 Il-kunsillier N.Chetcuti ppropona li tintbagħat ittra lil Maltapost biex jiftħu filgħaxija minħabba d-domanda ta' nies illi hemm bħalissa jistennew waqt il-ħin tax-xogħol kurrenti tagħhom.

***Għall-ħabta ta' 6.30pm id-D.S.E qal illi mingħajr l-ebda notifikazzjoni l-kunsillier A.Zammit m'għdux jidher u b'hekk m'hemmx quorum. Il-Kunsill baqa jistenna għall-għaxar minuti izda ma reġax tfaċċa u ma rrispondiex it-telefonati. B'hekk effettivament il-laqgħa waqqfet minħabba nuqqas ta' quorum.***

Konfermati, illum t ta' Settembru 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Anthony Attard<br>Dep. Segretarju Eżekuttiv |